# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR. RACHEL MONTEBELLO B.A., LL.D.

**Kumpilazzjoni Nru.: 838/2015**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Doriette Cuschieri)**

**Vs**

**Pauline Fenech**

**Illum, 11 ta' Jannar 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **Pauline Fenech** ta' 50 sena bint Louis u Giorgette nee' Pisani, imwielda 1-Mtarfa, fl- 10 ta' Frar 191965, residenti 'Eos' Triq Baskal Buhagiar, Mosta u detentrici tal- karta tal- identita' bin- numru 0111265(M), akkużata:-

Illi f'dawn il-gżejjer, f'Mejju 2012 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:

1) Approprijat ruħha, billi dawwret bi profit għaliha jew għal persuna oħra, is-somma ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) li ġiet fdata jew ikkunsinnjata lilha taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha speċifikat, liema

somma ġiet fdata jew ikkunsinnata lilha minhabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga, jew servizz tagħha, għad-dannu ta' Computer Domain Ltd u /jew id-diretturi tal-istess kumpanija;

2) Talli b'mezzi kontra il-liġi jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq ieħor, ingann, jew billi wriet ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti mmaġinarji, jew sabiex qanqlet tama jew biża' dwar ġrajja kimerika, għamlet qligħ ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) għad-dannu ta' Computer Domain Ltd u/jew id-diretturi tal-istess kumpanija;

3) Talli sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju għaliha innifsha jew għal ħaddieħor, xjentement għamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tat tagħrif falz;

4) Talli xjentement għamlet użu minn xi dokument falsifikat;

5) Talli mingħajr awtorizzazjoni użat computer jew xi tagħmir jew apparat ieħor biex tidħol f'xi *data*, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ li jinżammu f'dak il-computer jew f'xi computer ieħor, jew użat, ikkuppjat jew immodifikat kull *data*, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ bħal dawk;

6) Talli mingħajr awtorizzazjoni għamlet output ta' xi *data*, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ mill-computer li jkunu qegħdin jinżammu fih, sew billi dawn jittellgħu bi xbieha jew b'kull mod ieħor li jkun;

7) Talli mingħajr awtorizzazjoni ikkuppjat kull *data*, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ għal kull medjum ta' ħżin li ma kienx dak li soltu jinżamm fih jew għal imkien differenti fil medjum ta' ħżin fejn soltu jinżamm;

8) Talli mingħajr awtorizzazjoni ħadet pussess ta' xi *data*, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ jew għamlet użu minnhom.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna lill-imputata sabiex tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti.

Semgħet lill-imputata tiddikjara waqt l-eżami li mhux ħatja;

Rat in-nota tal-Avukat Generali tal-4 ta’ April, 2019 fejn, ghall-finijiet tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali, indika l-artikoli tal-ligi li abbazi taghhom, hemm mahsub li tista’ tinstab htija, u cioe`:

1. Fl-artikoli 18, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2. Fl-artikoli 18, 308 u 309, 310(l)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
3. Fl-artikoli 18 u 188 (1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
4. Fl-artikoli 18 u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
5. Fl-artikoli 18, 337C (1)(a) u 337F(1)(2)(3)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
6. Fl-artikoli 18, 337C (1)(b) u 337F (1)(2)(3)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
7. Fl-artikoli 18, 337C (1)(c) u 337F (1)(2)(3)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
8. Fl-artikoli 18, 337C (1)(f) u 337(1)(2)(3)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
9. Fl-artikoli 15A, 17, 18, 23, 31, 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Semgħet lill-imputata tiddikjara li m'għandiex oġġezzjoni li dawn il-proċeduri jiġu trattati u deċiżi bil-proċedura sommarja minn din il-Qorti bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha;

Rat illi ġiet eżentata milli terġa' tisma' x-xhieda li kienu diġa' xehdu f'dawn il-proċeduri meta kienet diversament preseduta;

Rat l-atti kollha;

Semghet is-sottomissjonijiet orali tal-Prosekuzzjoni u tad-difiża waqt l-udjenza tat-28 ta' Ottubru 2021;

Rat illi l-kawza ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Il-fatti li joħorġu mill-atti u l-provi juru illi minn Settembru 2010[1] sa Diċembru 2011 l-imputata, Pauline Fenech kienet impjegata mal-kumpannija Computer Domain Limited li tipprovdi servizzi ta' konsulenza u taħriġ u eventwalment bdiet taħdem ukoll għall-kumpannija English Domain Limited li tifforma parti mill-istess grupp ta' kumpanniji (Domain Group) u tiġġestixxi skola għal studenti tal-lingwa Ingliża[2]. Inizzjalment kienet impjegata fil-kariga' Lecturer għalkemm hemm qbil li effettivament kienet twettaq ix-xogħol ta' Director of Studies tal-kumpannija English Domain Limited - għad b'mod mhux uffiċjali - u kellha pożizzjoni għolja u ta' fiduċja fil-kumpannija[3] għaliex kienet responsabbli għat-tmexxija ġornaliera tal-iskola kollha

[1] Ara kuntratt ta' impjieg, Dok. MCG, fol. 147 *et seq*.
[2] Mill-provi jirriżulta li dawn iż-żewġ kumpanniji huma mmexxija mill-istess diretturi u l-kumpannija English Domain Limited hija sussidjarja tal-kumpannija Computer Domain Limited.
[3] Ara xhieda ta' Miraide Callus Gatt (14.2.2018), fol. 145, Robert Darmanin (7.3.2017), fol. 60 u Nicholas Callus, 21 ta' Ottubru 2019..

u biex tqassam il-lezzjonijiet bejn l-għalliema, fost affarijiet oħrajn[4]. F'Diċembru 2011 hija tat ir-riżenja tagħha u fil-bidu ta' Jannar 2012 ġiet impjegata mal-kumpannija Bels Malta Limited li wkoll topera skola għal studenti barranin tal-lingwa Ingliża, fil-kariga ta' Director of Studies.

F'Mejju 2012 saret kwerela fil-konfront tal-imputata bl-ilment li in segwitu għar-riżenja mill-impjieg tagħha mal-kumpanniji Computer Domain Limited u English Domain Limited, ġie osservat tnaqqis sostanzjali fil-bejgħ tas-servizzi u b'riżultat tal-audit finanzjarju li sar għas-sena 2011, ġew identifikati ukoll xi anomaliji li jirreferu għall-perijodu bejn Lulju 2011 u Novembru 2011 bejn dak li kien effettivament dovut lill-imputata skont il-kuntratt ta' impjieg u l-ammonti minnha reklamati f'*invoices* u *timesheets* sottomessi lill-kumpanniji, liema ammont ġew effettivament imħallsin lilha.

Mill-provi jirriżulta wkoll li fit-2 ta' Jannar 2012[5], wara li temmet l-impjieg tagħha mal-kumpannija Computer Domain Limited, l-imputata ġiet impjegata bħala Director of Studies ma' Bels Malta Limited, kumpannija li wkoll topera skejjel tal-Ingliż għal studenti barranin u hija kompetitur dirett ta' Domain Group[6]. Bħala parti mill-investigazzjonijiet tagħhom f'dan il-każ il-Pulizija kienu elevaw[7] kompjuter tal-għamla HP proprjeta' tal-kumpannija Bels Malta Limited li kien jintuża mill-imputata fix-xogħol tagħha ma' dik il-kumpannija, kif ukoll żewġ kompjuters oħrajn u USB drive appartenenti lill-imputata. Mill-analiżi li sar fuq dan it-tagħmir, instabu diversi *files* li fihom dokumenti u informazzjoni appartenenti lill-kumpanniji ta' Domain Group liema materjal kien jinżamm fis-sistema tal-kompjuter tagħhom. Hi t-teżi tal-Prosekuzzjoni li l-imputata kisbet aċċess mhux leġittimu għal dan il-materjal u li għamlet użu minnu mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-prinċipali tagħha bi ksur tal-Artikolu 337C tal-Kap. 9

[4] Xhieda ta' Nicholas Callus in kontro-eżami tal-21 ta' Ottubru 2019.
[5] Ara Dok. ETC, fol. 219.
[6] Ara xhieda ta' Rebecca Bonnici, 11 ta' Diċembru 2018, fol. 433.
[7] Fit-8 ta' Mejju 2012.

**L-Ewwel, it-Tieni, it-Tielet u r-Raba' Imputazzjonijiet**

Fl-ewwel erba' imputazzjonijiet fiċ-Ċitazzjoni, l-imputata ġiet akkużata b'sensiela ta' reati b'rabta mal-allegazzjoni li hija għamlet dikjarazzjonijiet foloz fl-*invoices* li sottomettiet lill-kumpannija English Domain Limited għall-ħlas ta' lezzjonijiet li kienet tgħallem fil-perijodu Lulju 2011 sa Novembru 2011, kif ukoll b'rabta mal-allegazzjoni li fit-*timesheets* u fl-*invoices* li hija sottomettiet għall-ħlas, kienet qiegħda tirreklama ħlas li mhux dovut bir-riżultat li ġiet imħallsa iżjed minn dak li kien dovut lilha.

It-teżi tal-Prosekuzzjoni fir-rigward hi li l-imputata tħallset abbażi ta' fatturi li hija ħarġet lill-kumpannija English Domain Limited għall-ħlas ta' lezzjonijiet li kienu ngħataw waqt u wara il-ħinijiet regolari tax-xogħol u b'hekk, spiċċat tħallset doppjament għaliex għal dan ix-xogħol kienet diġa' qiegħda tieħu s-salarju ordinarju tagħħa filwaqt li kienet titħallas ukoll taħt il-kappa ta' overtime[8] in kwantu għal dawk il-lezzjonijiet li għallmet filgħaxija wara l-ħinijiet regolari tax-xogħol u dan abbażi tas-sigħat li hija dikjarat f'*timesheets* li sottomettiet lill-kumpannija Computer Domain Limited. Saret ukoll allegazzjoni li l-imputata għamlet dikjarazzjonijiet foloz f'dawn l-*invoices* u *timesheets* biex spiċċat tħallset għal lezzjonijiet li qatt ma saru għaliex ġie dikjarat li hija tat żewġ lezzjonijiet fl-istess ġurnata u fl-istess ħin lil gruppi ta' studenti differenti.

Nicholas Callus, direttur tal-kumpannija Computer Domain Limited, xehed hekk[9]:-

*"... aħna kien ikollna lezzjonijiet filgħodu u anke filgħaxija. Din kienet qiegħda taħdem full-time magħna, ssir lezzjoni filgħodu u kienet qiegħda tiddikjaraha bħala lezzjoni extra meta l-paga ta' full-time għaddejja, filwaqt illi titħallas ukoll tas-siegħat li qed tgħallem waqt il-ħin tax-xogħol normali ... U sibna diskrepanzi oħrajn,*

---

[8] Skont il-kuntratt ta' impjieg tal-imputata, kienet marbuta taħdem 25 siegħa fil-ġimgħa bejn it-8.00 a.m u l-5.00 p.m. jew mit-8.30 a.m. u l-5.30 p.m.

[9] Fol. 27, xhieda tal-5 ta' Ottubru 2016.

*bħal per eżempju, żewġ (2) lezzjonijiet tgħallimhom hi fl-istess ġurnata u fl-istess ħin.*"

Robert Darmanin, Accounts Executive mad-Domain Group, ħejja rapport abbażi ta' analiżi li għamel tal-*invoices* u *timesheets* sottomessi mill-imputata kif ukoll tal-*payslips* tas-salarju u *overtime* li hija ġiet imħallsa għall-perijodu Lulju sa Novembru 2011. Mill-kalkoli li għamel, huwa ikkonkluda li l-anomaliji li ġew riskontrati fid-dikjarazzjonijiet li saru mill-imputata fit-*timesheets* u l-*invoices* sottomessi minnha, isarrfu fis-somma ta' €5,500 li ġiet imħallsa lill-imputata indebitament.

Robert Darmanin xehed[10]:-

"*F'Awwissu għandek il-ħin, minn ħin sa x'ħin kienet il-lezzjoni u tarahom li kienu żewġ gruppi differenti, qed nikklejmjaw l-istess sigħat. Mentri jekk tgħallem ħa tgħallem fi klassi waħda, ma jistax ikun li tgħallem f'żewġ klassijiet separati. U għandek sigħat minnhom li qed jiġu kklejmjati mill-overtime sheets, li huma attaċċjati mal-pay slips ... u wkoll qed jiġu invojsjati separatament fuq l-invoices li kienu pprezentaw lil English Domain.*"

L-imputata xehdet[11] illi meta ngħatat il-pożizzjoni ta' Director of Studies mal-kumpannija English Domain Limited, hija xorta waħda kellha tibqa' tagħti lezzjonijiet għall-kumpannija Computer Domain Limited u spiċċat tagħmel xogħol ta' Director of Studies iżda titħallas is-salarju ta' lecturer. Spjegat kif fis-sajf tal-2011 il-kumpannija ħadet *tender* ta' JobsPlus biex jingħata l-kors TEFL[12] lil persuni interessati jitħarrġu biex jgħallmu l-Ingliż lil studenti barranin li jiġu Malta biex jitgħallmu dan is-suġġett u dan kien ifisser li apparti li kellha tagħti dawn il-lezzjonijiet fil-*premises* tal-kumpannija, kellha wkoll tlaħħaq mad-dmirjiet tagħha bħala Director of Studies iżda dejjem bil-paga ta' lecturer. B'kollox hi flimkien ma' għalliem ieħor taw tmien

[10] Xhieda tas-7 ta' Marzu 2017.
[11] Xhieda tal-11 ta' Marzu 2020.
[12] Teaching English as a Foreign Language.

korsijiet matul is-sajf billi kienu jgħallmu żewġ klassijiet kull wieħed ta' sagħtejn kull waħda: sagħtejn filgħodu mit-8.00 a.m. sal-10.00 a.m. jew mill-10.30 a.m. sa nofsinhar, u sagħtejn oħra fil-għaxija mit-3.30 p.m. sal-5.30 p.m. jew mis-6.00 sat-8.00 p.m. L-imputata sostniet li dan wassal biex għamlet sajf sħiħ tidħol fit-8.00 a.m. u titlaq fit-8.30 p.m. kuljum.

Fissret ukoll li għax-xogħol li kienet taħdem matul dan il-perijodu, hija kienet toħroġ *invoice* għall-ħlas biss ta' dawk il-ħinijiet li kienet tgħallem fil-klassi, filwaqt li għas-sigħat li kienet taħdem wara l-5.00 p.m. kienet tiddikjarahom bħala *overtime* u għall-kumplament, kienet titħallas is-salarju regolari tagħha. Dan għamlitu għaliex ħasset li kienet qiegħda taħdem xogħol *part-time* b'żieda max-xogħol regolari tagħha u ma kellha l-ebda kuntratt li jorbotha tidħol taħdem fis-sajf. Kwantu għall-fatt li hija reklamat ħlas għal lezzjonijiet f'korsijiet differenti li hija indikat li tathom fl-istess ġurnata u ħin, l-imputata sostniet fix-xhieda tagħha li hija tat il-lezzjonijiet kollha li tħallset tagħhom u li ġara kien li hija tkun indikat il-ħin ħażin bi żvista. Ikkonfermat ukoll li ħadd mid-diriġenti tal-kumpannija qatt ma ġibdilha l-attenzjoni għal dan l-iżball u kull ma kellu jsir li jinbidel il-ħin biex jiġi indikat il-ħin korrett. Xehdet ukoll li peress li l-kumpannija ma riditx tagħmlilha kuntratt ġdid biex jirrispekkja x-xogħol li kienet effettivament twettaq, hija ħasset li kellha titlaq mill-impjieg mal-kumpannija u tat ir-riżenja tagħha f'Diċembru 2011.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti fliet l-atti u l-provi. Jirriżulta li l-imputata kienet tissottometti *timesheets* lill-prinċipal uffiċjali tagħha, il-kumpannija Computer Domain Limited, biex titħallas għal dawk sigħat li tkun ħadmet wara l-ħin regolari tax-xogħol waqt li kienet qed tgħallem, għan-nom tal-kumpannija English Domain Limited, diversi gruppi ta' studenti tal-kors TEFL[13] li ġie organizzat mill-ETC. B'hekk, b'żieda mal-*invoices* li ħarġet għall-ħlas tal-lezzjonijiet infsuhom, l-imputata kienet qiegħda wkoll tirreklama

[13] Teaching English as a Foreign Language.

l-ħlas għal dawn is-sigħat żejda, taħt il-kappa ta' *overtime*. Il-*payslips* tas-salarju mħallas lill-imputata mill-kumpannija Computer Domain Limited għax-xhur ta' Ġunju 2011, Lulju 2011 u Awwissu 2011 jinsabu esebiti fl-atti[14] u minn eżami tagħhom jirriżulta li effettivament, l-imputata ġiet imħallsa mill-istess kumpannija għas-sigħat ta' xogħol żejda, taħt il-kappa ta' "*overtime*" jew "*extra hours*" skont kif dikjarat minnha fit-*timesheets* relattivi[15].

Minn eżami tal-atti jirriżulta wkoll illi l-imputata sottomettiet *invoices* lill-kumpannija English Domain Limited fejn talbet u effettivament irċeviet, il-ħlas għal dawk il-lezzjonijiet tal-istess korsijiet TEFL li għallmet waqt il-ħinijiet regolari tax-xogħol, u dan b'żieda mas-salarju ordinarju tagħha.

Il-Prosekuzzjoni ressqet prova li in kwantu għall-*invoices* li ġew sottomessi mill-imputata għax-xhur ta' Lulju u Awwissu 2011 u Ottubru sa Diċembru 2011[16] għall-ħlas ta' dawk il-lezzjonijiet li għallmet fil-għodu kif ukoll fil-għaxija f'dan il-perijodu, il-kumpannija English Domain ħallsitha l-ammont reklamat fl-*invoices* li nħarġu fit-3 ta' Awwissu 2011, 12 ta' Settembru 2011 u 6 ta' Diċembru 2011[17].

Dan kollu mhux kontestat mill-imputata li, kif rajna, argumentat li dan il-ħlas kien dovut lilha għaliex hija kienet qed tirċievi biss is-salarju ta' *lecturer* meta effettivament kienet qed tgħallem lezzjonijiet fis-sajf b'żieda max-xogħol tagħha bħala Director of Studies u ma kienetx marbuta skont il-kuntratt tal-impjieg tagħha li tgħallem lezzjonijiet fix-xhur tas-sajf.

Iżda l-Qorti minnufih tqis illi dan l-argument m'għandux meritu fi ħdan il-proċeduri odjerni, għaliex id-determinazzjoni tal-obbligi kuntrattwali dwar l-impjieg tal-imputata, fosthom dak li kellu jkun ħlas xieraq u idoneu għax-xogħol li wettqet l-imputata u jekk kellhiex dritt titħallas għal xi lezzjonijiet li setgħet għallmet barra l-

[14] Payslips fol. 70, 72 u 76.
[15] Timesheets fol. 71, 73 u 77. Timesheet esebiti a fol. 79 jirreferi għax-xahar ta' Settembru 2011.
[16] Invoices fol. 75, 81 (82) u 84 – 86.
[17] Remittance Advice, fol. 74, 80 u 83.

ħinijiet regolari tal-impjieg tagħha u addizjonalment għall-ħidma tagħha fil-pożizzjoni ta' Director of Studies, hija kwistjoni ta' indoli ċivili li ma għanda l-ebda relevanza għad-determinazzjoni tal-ħtija o meno tal-imputata fl-azzjoni penali.

Għall-kuntrarju, dak li għandu jiġi effettivament mistħarreġ u determinat f'din l-azzjoni huwa jekk l-imputata għamlitx dikjarazzjoni falza jew tat tagħrif falz f'dawn l-*invoices* u *timesheets* li ġew sottomessi minnha għall-perijodu Lulju sa Diċembru 2011 meta iddikjarat li għallmet lezzjonijiet li ma kienetx effettivament għallmithom[18], jekk imxietx b'qerq u għamlet qligħ illegali a skapitu ta' Computer Domain Limited meta hija fil-fatt tħallset abbażi ta' dawn id-dokumenti, kif maħsub fl-Artikoli 308 u 309 tal-Kodiċi Kriminali u jekk ikkommettiet ir-reat ta' misapproprjazzjoni taħt l-Artikolu 293 tal-istess Kap. 9.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tosserva minnufih, minn eżami ħafifa taċ-Ċitazzjoni, illi l-imputata qed tiġi mixlija li kkommettiet ir-reati addebitati lilha, fosthom dawk fl-ewwel erba' imputazzjonijiet, "*f'Mejju 2012 u fix-xhur ta' qabel*".

L-Artikolu 360 tal-Kapitolu 9 jfisser kif ghandha tigi redatta ic-citazzjoni u liema huma dawk iċ-ċirkostanzi materjali u sostanzjali li jinħtieġu li jiġu indikati espressament sabiex il-persuna imħarrka tkun tista' tħejji d-difiża taghha tajjeb. Is-subartikolu (2) tal-Artikolu 360 jipprovdi hekk: "*Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw...*"

Kif inghad, l-imputata ġiet mixlija illi kkommettiet ir-reati lkoll addebitati lilha fiċ-Ċitazzjoni "*f'Mejju 2012 u fix-xhur ta' qabel*". Isegwi għalhekk illi kif impostata, l-imputazzjonijiet jirreferu neċessarjament għal **fatti li graw f'Mejju 2012 jew fix-**

[18] Reati taħt l-Artikoli 188 u 189 tal-Kap. 9.

**xhur anteċedenti dik id-data**. Filwaqt li bl-użu tal-plural fil-kelma "*xhur*" l-ispazju temporali tal-fatti li għalihom jirreferu l-imputazzjonijiet jista' jitqies li gie estiż ghal diversi xhur qabel Mejju 2012, il-Qorti pero` tqis illi l-parametri tal-kelma "*xhur"*, b'mod generali, għandhom ifissru dawk il-ftit xhur qabel id-data speċifikata u ma jistgħu qatt jiġġebbdu biex jinkludu fihom fatti li jkunu seħħew sitta, seba' jew tmien xhur jew iktar, qabel. Wisq anqas ma jistgħu jidħlu fl-iskop tal-kliem "*fix-xhur ta' qabel*", dawk ix-xhur tas-sena ta' qabel id-data espressament msemmija fl-imputazzjoni, f'dan il-kaz Mejju 2012 għaliex iż-żmien indikat fl-akkuża jirreferi għal "*xhur ta' qabel*" Mejju 2012 u mhux "*is-snin ta' qabel*" Mejju 2012.

**Konsegwentement, il-Qorti tqis illi ghall-fini tar-reati addebitati lill-imputata fiċ-Ċitazzjoni, tista' tinsab ħtija biss jekk ikun jirriżulta li dawn ir-reati ġew kommessi mill-1 ta' Jannar 2012 'il quddiem iżda mhux qabel din id-data**.

Applikat dan għall-provi fl-atti proċesswali, jirriżulta li d-dikjarazzjonijiet allegatament foloz konsistenti fit-*timesheets* u *invoices* li ġew sottomessi mill-imputata lill-kumpanniji li magħhom kienet impjegata, ġew hekk sottomessi fil-perijodu bejn Lulju 2011 u Diċembru 2011. Barra dan, kif rajna, il-pagamenti li rċeviet l-imputata abbażi ta' dawn l-istess *timesheets* u *invoices,* liema pagamenti qed jiġi allegat li tħallsu indebitament u b'riżultat tal-qerq jew falsifikazzjoni imwettaq mill-imputata, tħallsu lilha bejn Awwissu 2011 u Diċembru 2011.

Dan ifisser li safejn ir-reati addebitati fl-ewwel erba' imputazzjonijiet jikkonċernaw id-dikjarazzjonijiet allegatament foloz jew qarrieqa li hija għamlet fid-dokumenti li sottomettiet lill-prinċipali tagħha u l-ħlasijiet li perċepiet b'effett ta' dawn id-dikjarazzjonijiet, il-provi juru li dawn ilkoll jirrisalu għas-sena 2011 u ċioe' għal perijodu ta' żmien li evidentement jeċċedi l-limiti ta' "*xhur qabel*" Mejju 2012. Ma tressqet l-ebda prova li dawn ir-reati ġew kommessi għad-dannu ta' Computer Domain Limited fis-sena 2012: kemm hu hekk, mill-atti jirriżulta li l-imputata ma kienetx impjegata iktar ma' din il-kumpannija fl-2012 għaliex fit-2 ta' Jannar 2012,

ġiet impjegata formalment mill-kumpannija Bels Malta Limited bħala Director of Studies.

Minn dan hu manifest li dawk ir-reati addebitati lill-imputata fl-ewwel erba' imputazzjonijiet in konnessjoni ma' dikjarazzjonijiet allegatament foloz li saru fit-*timesheets* u *invoices* sottomessi minnha u l-qligħ perċepit minn dawn l-istqarrijiet allegatament foloz, jekk twettqu, twettqu matul il-perijodu tal-impjieg tagħha ma' Computer Domain Limited jew English Domain Limited[19] fis-sena 2011.

Huwa minnu li r-reati ġew addebitati wkoll bħala reati kontinwati kif maħsub fl-Artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali, iżda l-Qorti ma tqisx illi l-kunċett legali tal-kontinwita` tar-reat jista' jservi biex jestendi l-parametri temporali lil hinn minn kif dawn ġew espressament impostati fiċ-Ċitazzjoni.

**Għaldaqstant, il-Qorti tqis li ma tistax tinstab ħtija fl-imputata għar-reati addebitati fl-ewwel erba' imputazzjonijiet in kwantu dawn jikkonċernaw xi fatti jew egħmil li seħħew f'perijodu ta' żmien li m'huwiex kompriż fl-indikazzjoni li saret fiċ-Ċitazzjoni in kwantu għaż-żmien tal-kommissjoni ta' dawn ir-reati.**

Għall-kompletezza, il-Qorti tosserva li fix-xhieda tagħha, Miraide Callus Gatt allegat ukoll li l-imputata approprjat indebitament *teaching materials* li kienu nxtraw mill-kumpannija għall-użu waqt il-korsijiet edukattivi iżda dawn baqgħu ma nstabux wara li l-imputata telqet mill-impjieg tagħha mill-kumpannija. Madanakollu, jiġi osservat minnufih li ma tressqet l-ebda prova dwar f'hiex jikkonsistu dawn l-oġġetti, fejn kienu jinżammu, min kienu l-persuni li kienu jużawhom u kellhom aċċess għalihom u meta nstabu neqsin u minn min u għaldaqstant - anke mingħajr qies għall-kunsiderazzjonijiet appena magħmulin b'rabta maż-żmien tal-kommissjoni tar-reati

[19] Jiġi osservat ukoll li l-kumpannija English Domain Limited, li ħallset lill-imputata l-ammonti li hija reklamat fl-invoices in kwantu għal-lezzjonijiet li qed jiġi allegat li kienet diġa' tħallset għalihom permezz tas-salarju ordinarju u overtime, ma ġiet ċitata mkien fiċ-Ċitazzjoni bħala l-persuna li għad-dannu tagħha ġew kommessi r-reati addebitati fl-ewwel żewġ imputazzjonijiet.

kif indikat fiċ-Ċitazzjoni – il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova sodisfaċjentement l-elementi tar-reat ta' misapproprjazzjoni.

**Il-Ħames, is-Sitt, is-Seba' u t-Tmien Imputazzjonijiet**

Dawn l-imputazzjonijiet jaddebitaw lill-imputata r-reati ipotetizzati f'uħud mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 337Ċ(1) tal-Kap. 9 li jikkonċernaw aċċess mhux leġittimu għal informazzjoni miżmum f'computer u l-użu tagħha.

Fost il-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni fir-rigward, ġie prodott fl-atti rapport kontenenti l-analiżi li sar mill-Ispettur Edward Zammit[20] fi ħdan is-Cyber Crime Unit[21] fuq l-apparat li ġie elevat mill-pussess ta' Bels Malta Limited u wkoll mill-pussess tal-imputata. Minn dan l-analiżi jirriżulta li fil-*hard disk drive* tas-sistema tal-kompjuter appartenenti lil Rebecca Bonnici[22] li kien jintuża mill-imputata fl-impjeg tagħha ma' Bels Malta Limited, instab numru ta' PDF files[23] kontententi kopji diversi *agent agreements* li jidher li ġew konklużi bejn English Domain Limited u terzi għall-promozzjoni u bejgħ ta' korsijiet u programmi edukattivi offerti mill-kumpannija[24], filwaqt li fil-*hard disk drive* tal-kompjuters personali tal-imputata u apparat ieħor li ġie elevat mill-pussess tagħha, instab fost materjal ieħor:-

- xls (*spreadsheet*) file bl-isem "*Copy of Database*" kontenenti l-ismijiet tal-aġenziji u kuntatti oħrajn li kienu simili għal dawk fl-agency agreements tal-kumpannija English Domain Limited[25];
- kopja ta' *invoice* maħruġ lil Computer Domain Services[26] għall-ħlas ta' akkomodazzjoni fil-lukanda ta' Marzia Del Piero[27];

[20] Ġja' PS 1146. Analiżi li sar fis-6 ta' Settembru 2012.
[21] Rapport Dok. TZ, fol. 168 *et seq*.
[22] Mill-uffiċini ta' Bels Malta Limited – PC01-HD01.
[23] Dawn kollha nħolqu fit-13 ta' Jannar 2012 – ara fol. 186.
[24] Dok. TZ, ara speċifikatament fol. 171 u rapport Dok. SFS1 (fol. 283 sa 414).
[25] Dan il-file inħoloq fil-kompjuter tal-imputata fit-13 ta' Jannar 2012, ftit ġranet wara li ġiet impjegata mal-kumpannija Bels Limited (fol. 192). Ara wkoll il-lista tal-kuntatti fid-database, fol. 416 *et seq*.

- xls file ieħor intestat "*English Domain online 17-02-2011*" liema file kien infetaħ l-aħħar fit-22 ta' April 2012[28]; u
- *quotation* maħruġa minn English Domain lil ċertu aġent bl-isem Altan Agaoglu dwar kors partikolari offrut mill-kumpannija[29].

Miraide Callus Gatt u Nicholas Callus, diretturi tal-kumpanniji English Domain Limited u Computer Domain Limited, xehdu illi l-imputata waqt il-perijodu tal-impjieg tagħha mal-kumpanniji ta' Domain Group, kellha aċċess għal dawn id-dokumenti fuq il-post u waqt il-ħinijiet tax-xogħol tagħha u in kwantu speċifikatament għall-kopji tal-*agent agreements*[30] konklużi ma' aġenti barranin, huma xehdu li l-imputata stess kienet tinnegozja dawn il-kuntratti direttament mal-aġent. Mix-xhieda jirriżulta ukoll illi l-kumpannija kienet iżżomm kopja stampata ta' dawn il-kuntratti fl-uffiċini tagħha kif ukoll kopja diġitali fil-kompjuter tal-kumpannija li kienet tuża l-imputata u l-imputata kienet tagħmel referenza għal dawn il-kuntratti biex tivverifika x'inhuma l-obbligi tal-kumpannija kull meta xi aġent kien jibgħat l-istudenti fuq xi kors offrut mill-kumpannija. Ġie konfermat ukoll li l-imputata qatt ma ngħatat permess jew awtorizzazzjoni biex tikkopja jew timmodifika dawn id-dokumenti jew li toħroġhom mis-sistema tal-kompjuter tal-kumpannija, għaliex dawn huma dokumenti kunfidenzjali li kellhom jibqgħu fil-kumpannija u ġaladarba l-imputata ma baqgħetx iktar impjegata tal-kumpannija u ma kellhiex aċċess iktar għall-uffiċini u l-kompjuter tal-kumpannija, ma setgħetx ikollha iktar aċċess għal dawn id-dokumenti.

Fir-rigward tad-dokument "*Copy of Database*"[31], Miraide Callus Gatt ikkonfermat fix-xhieda tagħha li dan fih lista sħiħa tal-aġenti tal-kumpannija, liema lista baqgħet ma nstabitx wara li l-imputata telqet mill-impjieg tagħha mal-kumpannija[32]. Kwantu

---

[26] Fol. 420 – Dok. PC03-HD01.
[27] Għall-perijodu 4.6.2011 sa 5.7.2011.
[28] Ara fol 207 (PC03).
[29] Fol. 421 (PC03-HD01), datat 11 ta' April 2011.
[30] Fol. 285 *et seq*. Il-kopji tal-kuntratti minn fol. 285 sa 343 instabu fil-kompjuter ta' Bels Malta Limited li kien jintuża mill-imputata waqt l-impjieg tagħha ma' din il-kumpannija, filwaqt li l-kuntratti li jinsabu a fol. 344 sa fol. 414 instabu fil-kompjuter personali tal-imputata fir-residenza tagħha.
[31] Fol. 416 sa 418.
[32] Ara wkoll kontro-eżami ta' Miraide Callus Gatt, 15 ta' Jannar 2020.

mbagħad għad-dokument intestat lil Altan Agaoglu, hija fisssret li dan huwa *quotation* bil-prezzijiet li ngħataw lil wieħed mill-aġenti tal-kumpannija[33].

Fir-rigward, l-imputata xehdet minn jeddha illi fil-kariga tagħha bħala Director of Studies tal-kumpannija Bels Malta Limited, hija ma kellha l-ebda użu għall-materjal ta' *marketing* għaliex kienet inkarigata tieħu ħsieb biss materji konnessi mat-tagħlim fl-iskola. L-imputata ċaħdet li qatt rat l-*agent agreements* u l-ismijiet tal-aġenti li nstabu fil-kompjuter ta' Bels Malta Limited u ċaħdet ukoll li qatt kellha xi kuntatt magħhom: qalet illi ma tafx kif il-kuntratti spiċċaw fuq il-kompjuter ta' Bels Malta Limited u li hija qatt tathom dawk id-dokumenti. Waqt ix-xhieda tagħha sostniet li l-unika darba li kienu f'idejha kienet meta kkorreġiethom minħabba l-Ingliż u għall-bqija, dawn qatt ma kienu f'idejha ħlief safejn wara l-ħin tax-xogħol kienet tidħol *remotely* mill-kompjuter tagħha tad-dar fl-*emails* u l-*attachments* li kienet tirċievi b'rabta max-xogħol tagħha mal-kumpanniji ta' Domain Group.

Ikkunsidrat;

Kif diġa' stabbilit, l-akkużi dedotti fiċ-Ċitazzjoni jirreferu għal reati li allegatament ġew kommessi f'Mejju 2012 u fix-xhur ta' qabel: fost dawn ir-reati insibu r-reati mfasslin fl-Artikolu 337Ċ(1) tal-Kap. 9 li jikkonċernaw b'mod ġenerali, l-aċċess mhux leġittimu għal informazzjoni miżmum fuq kompjuter u l-użu mhux awtorizzat tal-istess. Dan ifisser li att jew egħmil li jikkostitwixxi l-element materjali tar-reati addebitati fil-ħames sat-tmien imputazzjonijiet, li jkun twettaq qabel l-1 ta' Jannar 2012, ma jistax jitqies li huwa kompriż fil-parametri ta' żmien li għalihom jirreferu l-akkużi. Il-korollarju ta' dan hu li l-imputata ma tistax tinstab ħatja għar-reati ipotetizzati fil-paragrafi (b) u (ċ) tal-Artikolu 337Ċ(1) tal-Kap. 9 għaliex mill-provi jirriżulta li jekk l-imputata mingħajr awtorizzazzjoni, għamlet *output* ta' xi *data, software* jew dokumentazzjoni ta' appoġġ[34] appartenenti lill-kumpanniji ta' Domain Group li kienet impjegata magħhom, jew ikkuppjat dan id-*data* għal xi medjum ta'

[33] Fol. 421. Dawn iż-żewġ dokumenti ġew estratti mill-hard drive tal-kompjuters personali tal-imputata.

[34] Fis-sens imfisser mill-Artikolu 337B(1) tal-Kap. 9.

ħżin differenti minn dak li soltu jinżamm fih, dan setgħet għamlitu biss sakemm kienet għadha f'impjieg ma' dawn il-kumpanniji, ċioe' sa Diċembru 2011 u b'hekk lil hinn miż-żmien indikat fiċ-Ċitazzjoni bħala ż-żmien tal-kommissjoni tar-reati addebitati lill-imputata.

L-istess jgħodd ukoll għall-egħmil ipotetizzat fil-paragrafi (a) u (f) tal-Artikolu 377Ċ tal-Kap. 9 safejn dan l-egħmil jikkonsisti fl-użu ta' kompjuter jew apparat ieħor għall-fini li jittieħed pussess ta' jew jinkiseb dħul għal xi *data* li jinżamm f'dak il-computer u fl-ikkuppjar jew modifikar ta' dak id-*data*, **iżda mhux safejn l-egħmil kriminuż jikkonsisti fl-użu tad-*data*, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ**. Dan għaliex l-użu mhux awtorizzat tad-*data* li jittieħed pussess tiegħu minn xi kompjuter, liema użu jinsab fost l-atti li jikkostitwixxu l-element materjali tar-reati ipotetizzati fil-paragrafu (a) kif ukoll fil-paragrafu (f) tal-Artikolu 337Ċ(1) tal-Kap. 9, m'huwiex neċessarjament limitat għaż-żmien li fih l-imputata kienet impjegata mal-kumpanniji ta' Domain Group. Għalhekk, jekk jiġi ppruvat li l-imputata, għad illi ħadet pussess tad-*data* li kien jinżamm maħżun fil-kompjuters tal-kumpanniji ta' Domain Group neċessarjament fi żmien li m'huwiex kompriż fil-parametri temporali tal-akkużi, użat dak id-*data* mingħajr awtorizzazzjoni ukoll wara l-1 ta' Jannar 2012, ċioe' fiż-żmien tal-akkużi odjerni, tista' tinstab ħtija għar-reati taħt il-paragrafi (a) u (f) tal-Artikolu 337Ċ(1) tal-Kap. 9.

Kif rajna, id-diretturi tal-kumpanniji ta' Domain Group xehdu li d-dokumenti li nstabu fil-*hard disk drives* tal-kompjuters u apparat li ġew analizzati mis-Cyber Crime Unit fi ħdan il-Korp tal-Pulizija, kienu jinżammu fis-sistema tal-kompjuter tagħhom u l-imputata kienet awtorizzata tikseb aċċess għalihom matul l-impjieg tagħha mal-kumpannija iżda mhux wara li ma baqgħetx iktar impjegata tal-kumpannija. Il-Qorti ma għandha l-ebda diffikolta' biex tqis li dawn id-dokumenti, li kienu miżmumin ġewwa files fi format *pdf* jew *xls*, jirrientraw sewwasew fit-tifsira ta' *computer data* għall-fini tar-reati taħt l-Artikolu 337Ċ: skont l-Artikolu 337B(1), *computer data* huwa definit bħala "*kull rappreżentazzjoni ta' fatti, tagħrif jew kunċetti f'forma xierqa*

*biex jiġu proċessati f'sistema tal-informatika jew f'sistema ta' computer ...*" Stabbilit dan, il-Qorti tqis ukoll illi bl-applikazzjoni tal-preżunzjoni stabbilita fl-Artikolu 337Ċ(4) tal-Kap. 9, huwa ppruvat li dan il-*computer data* li nstab maħżun fil-*hard disk drives* tal-kompjuters li kienu jintużaw mill-imputata, spiċċa fuq dan l-apparat proprju għaliex l-imputata ħadet pussess ta' din id-*data* permezz ta' xi forma ta' *output* kif definit fl-Artikolu 337B(1) tal-Kap. 9. L-Artikolu 337Ċ(4) jaqra hekk:-

"*... Għall-għanijiet tas-subartikolu (1)(f), persuna li minħabba li jkollha fil-kustodja tagħha jew taħt il-kontroll tagħha xi data, computer software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ li ma tkunx awtorizzata li jkollha, għandha titqies bħala li tkun ħadithom fil-pussess tagħha*".

Kif ġie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Jimmy Paul Saliba**[35]:-

"*L-artikolu 337C (4) jiffacilita d-dover tal-Prosekuzzjoni billi jipprovdi li t-tehid mhux awtorizzat ta' data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg jimplika li dik il-persuna hadet il-pussess ta' dak l-oggett u dan l-agir jaqa' fil-parametri tas-sub inciz (f) tal-Artikolu 337C. Din il-kjarifika tipprovdi li l-persuna li ghandha l-pussess ta' tali materjal ma tistax tghid li għandha pussess aċċidentali jew jekk taghmel hekk trid tipprova li ma kinitx taf b'tali pussess jew ma kellha l-ebda intenzjoni li jkollha tali pussess.*"

It-teżi tal-Prosekuzzjoni, għad waħda impliċita, hi li l-imputata kisbet din l-informazzjoni biex tgħinha fl-impjeg il-ġdid tagħha mal-kumpannija Bels Malta Limited li kif stabbilit, hija kumpannija li topera fl-istess qasam u hija kompetitriċi diretta ta' Domain Group. Għalkemm ma ġiex ippruvat b'mod sodisfaċjenti li dan hu minnu, il-Qorti ma tistax ma tosservax fir-rigward, illi kif inhu evidenti, id-*data* in kwistjoni, li kif rajna instabet miżmuma f'files *ad hoc* u mhux f'dokumenti mehmużin

[35] Deċiża 17.7.2018 (Għawdex).

ma' *emails*, fiha informazzjoni kummerċjali sensittiva u kunfidenzjali tal-kumpannija English Domain Limited, fosthom *database* bil-kuntatti tal-aġenti barranin tal-kumpannija English Domain Limited[36] u kopji tal-kuntratti konklużi ma' diversi minn dawn l-aġenti barranin[37], kuntratti li fihom informazzjoni kunfidenzjali fosthom il-persentaġġ tal-*commission* pagabbli lill-aġent. L-imputata fix-xhieda tagħha ma setgħetx tispjega kif dan id-*data* spiċċa fis-sistema tal-kompjuter ta' Bels Malta Limited u fl-apparat tagħha personali iżda fl-isfond tal-konsiderazzjonijiet kollha appena magħmulin, id-difiża li l-pussess ta' dan id-*data* fil-kompjuters elevati mill-Pulizija, kien wieħed aċċidentali, ftit tista' tittieħed bis-serjeta'.

Huwa minnu li mill-provi, senjatament ix-xhieda ta' Miraide Callus Gatt, jirriżulta li l-imputata kellha aċċess għas-sistema tal-kompjuter fejn kienu maħżuna l-kopji tal-kuntratti mal-aġenti barranin, iżda huwa daqstant ċar li hi kellha dan l-aċċess biss minħabba l-impjieg tagħha mal-kumpannija. Il-fatt li kienet awtorizzata jkollha aċċess għal din id-data ma jfissirx neċessarjament li hija kienet awtorizzata ukoll tagħmel l-*output* ta' dak l-istess materjal mill-kompjuter u jew tużah wara li temmet l-impjieg tagħha u huwa proprju dan l-użu mhux awtorizzat li jikkostitwixxi l-element materjali tar-reati taħt il-paragrafi (a) u (f) tal-Artikolu 337Ċ(1) tal-Kap. 9. Kemm hu hekk, l-Artikolu 337F(6) tal-Kap. 9 jipprovdi:-

*(6) Il-prosekuzzjoni ma tkunx meħtieġa li ġġib provi biex twaqqa' l-effett ta' xi awtorizzazzjoni meħtieġa taħt dan is-Subtitolu u l-oneru li tinġieb prova dwar awtorizzazzjoni bħal dik ikun jinkombi fuq il-persuna li tkun qed tallega li għandha dik l-awtorizzazzjoni: Iżda dan l-oneru ma għandux jitqies bħala li jkun tneħħa biss bix-xiehda mhux korroborata tal-persuna akkużata.*

Mill-atti jirriżulta li l-aħħar darba li nkiseb aċċess għall-files kontenenti l-kopji tal-kuntratti idenifikati fil-*hard disk drive* tal-kompjuter li kien jintuża mill-imputata fl-

[36] Copy of Database.xls (PC02-HD-1) fol. 415-417
[37] Dawn instabu sija fil-hard disk drive tal-kompjuter ta' Bels Malta Limited (PC01-HD01) kif ukoll fil-kompjuter tal-imputata (PC02-HD01).

impjieg tagħha ma' Bels Malta Limited, kif ukoll il-kompjuter tagħha personali, kien fit-13 ta' Jannar 2012. Dan ifisser li l-imputata użat id-*data* li - bit-tħaddim tal-presunzjoni fl-Artikolu 337Ċ(4) tal-Kap. 9 - ħaditu fil-pussess tagħha minn fuq is-sistema tal-kompjuter tal-kumpanniji ta' Domain Group mhux biss fi żmien li huwa kompriż fl-akkużi dwar ir-reat taħt l-Artikolu 337Ċ(1)(a) u (f) tal-Kap. 9[38], iżda wkoll meta ma kienetx għadha impjegata mal-kumpanniji ta' Domain Group iżda mal-kompetitur tagħhom[39] u fi żmien meta, kif xehdu d-diretturi tal-imsemmija kumpanniji, hija ma kienetx awtorizzata li tikseb jew ikollha aċċess għal dan id-*data*. L-istess jgħodd għall-file "*Copy of Database.xls*" li nstab fuq il-kompjuter personali tal-imputata (PC01-HD-01): dan inkiseb aċċess għalih u kwindi intuża, fis-16 ta' Jannar 2012[40].

Dan hu biżżejjed biex il-Qorti tirravviża l-elementi kollha kostitutivi tar-reati kontemplati fil-paragrafu (a) u l-paragrafu (f) tal-Artikoku 337Ċ(1) in kwantu huwa ppruvat illi mingħajr awtorizzazzjoni tal-persuni intitolati, l-imputata użat *data* li kien jinżamm fis-sistema tal-kompjuter tal-kumpanniji ta' Domain Group, u in kwantu li hija għamlet użu mingħajr awtorizzazzjoni minn *data* ta' l-imsemmija kumpanniji, rispettivament.

Għall-kompletezza għandu jingħad illi għalkemm il-Qorti tirravviża fil-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni, l-aggravanti prospettat fl-Artikolu 337F(3)(a) tal-Kap. 9 għaliex jirriżulta li l-użu mhux awtorizzat tad-data in kwistjoni seħħ bi vjolazzjoni tal-fiducja li hija preżunta li teżisti bejn l-impjegat u l-prinċipal, tqis li ma tistax tapplika d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu għaliex ma ġiex ċitata mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju u lanqas saret referenza għall-kliem ta' din id-dispożizzjoni legali fit-tfassil tal-akkużi relattivi fiċ-Ċitazzjoni.

---

[38] Ċioe' wara l-1 ta' Jannar 2012.

[39] Mill-provi jirriżulta li l-imputata kienet impjegata ma' Bels Malta Limited bejn it-2 ta' Jannar 2012 u 22 ta' Marzu 2013 (Dok. ETC, fol. 219)

[40] Fol. 415. Il-files "*tefl_certificate.pdf*" u l-file "*Computer Domain Services.pdf*" li nstabu fil-hard disk drive tal-imputata (PC03-HD01), ġew użati l-aħħar mill-imputata fid-29.4.2012 u 4.5.2012 rispettivament – fol. 419.

**<u>Piena</u>**

Għall-fini tal-piena, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-fatt illi dawn il-proċeduri ilhom pendenti għal iktar minn sitt snin u l-fatt li l-imputata ġiet akkużata formalment bir-reati li qed tinstab ħatja tagħhom, xejn inqas minn tliet snin wara li dawn ġew denunzjati. Ħadet ukoll qies tal-fedina penali netta tal-imputata u l-eta' tagħha kif ukoll il-fatt li ma tressqet l-ebda prova fl-atti li l-kumpanniji ta' Domain Group soffrew xi preġudizzju materjali b'effett tal-użu mhux leġittimu li sar mill-imputata tal-informazzjoni miksuba mingħajr l-awtorizzazzjoni tagħhom għalkemm, għandu jingħad, dan mhuwiex fost l-elementi materjali kostituttivi tar-reati in kwistjoni. Il-Qorti kkunsidrat ukoll illi għalkemm hu ppruvat li l-imputata użat l-informazzjoni li kisbet mill-kompjuter tal-kumpanniji ta' Domain Group bi ksur tal-liġi għaliex jirriżulta li kien hemm aċċess għall-files relattivi wara t-terminazzjoni tal-impjieg tagħha u kwindi huwa riskontrabbli l-użu vjetat mil-liġi, ma jirriżultax ix-xorta tal-użu li effettivament għamlet l-imputata minn din l-informazzjoni.

Miżmum ferm dan kollu, il-Qorti ma hijiex tal-fehma li piena karċerarja tkun xierqa fiċ-ċirkostanzi u tqis li għandha timponi piena pekunjarja ta' entita' li mhux biss isservi bħala deterrent iżda tirrispekkja wkoll il-gravita' ta' reati konsistenti fl-użu mhux dovut tal- kompjuter.

**Għal dawn il-motivi, filwaqt li ma tistax issib lill-imputata ħatja tar-reati addebitati fl-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet u ma ssibx ħtija għar-reati addebitati fis-sitt u s-seba' imputazzjonijiet u għalhekk tilliberaha minnhom, wara li rat l-Artikolu 337Ċ(1)(a) u (f) u l-Artikolu 337F(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lil PAULINE FENECH ħatja tar-reati addebitati fil-ħames u t-tmien imputazzjonijiet u tikkundannah multa ta' tmien mitt Euro (€800).**

**Għall-fini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputata tħallas lir-Reġistratur tal-Qorti is-somma ta' tliet mija u tletin Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€330.75)[41] rappreżentanti l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti fil-proċeduri.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**

[41] Dr. Steven Farrugia Sacco, rapport Dok. SFS1.